## QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 12**

**Rikors maħluf numru 106/2008 JA**

***C.E.B. Metals Limited* (C39556)**

***v.***

***Malta Industrial Parks Limited* (C28965), illum *INDIS Malta Limited*; *Alu-Finish Limited* (C25894); u *Aluminium Extrusions Limited* (C7322) għal kull interess li jista' jkollha**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar 2015 illi ċaħdet talba tagħha għal dikjarazzjoni illi ħwejjeġ mobbli miżmuma mill-konvenuta *Malta Industrial Parks Limited* (illum *INDIS Malta Limited* ["*INDIS*"]) huma proprjetà tagħha. Sar ukoll appell inċidentali minn *INDIS* minn sentenza preliminari fl-istess kawża, mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2009, li

ċaħdet eċċezzjoni tagħha msejsa fuq l-art. 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-appell inċidentali iżda ġie ċedut b'nota tat-8 ta' Jannar 2021 Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi kienet daħlet fi ftehim mal-konvenuta *Alu-Finish Limited* ["*A-FL*"] sabiex l-attriċi tikkonsenja madwar erbgħin (40) tunnellata *aluminium* sabiex *A-FL* taħdmu fl-interess tal-attriċi. Dan ix-xogħol kellu jsir minn *A-FL* ġewwa fabbrika ta' *INDIS* li iżda dak iż-żmien kienet f'idejn il-konvenuta l-oħra *Aluminium Extrusions Limited* ["*AEL*"].

3. Ġara li *INDIS* kisbet il-ħruġ ta' ordni ta' żgumbrament fuq il-fabbrika u mandat ta' qbid li bis-saħħa tiegħu nqabad ukoll l-*aluminium* tal-attriċi u xi prodotti maħduma minnu. Għalkemm il-konvenuti l-oħra jaqblu li dawn l-*aluminium* u prodotti huma proprjetà tal-attriċi, u jaqblu li għandhom jintraddu lilha, *INDIS* baqgħet iżżommhom f'idejha.

4. Ġara wkoll li sakemm seħħ dan kollu għadda ż-żmien li fih l-attriċi kienet marbuta favur terzi li tikkonsenja lilhom il-prodotti li kellhom jinħadmu minn *A-FL*. Dawn it-terzi qegħdin iżommu lill-attriċi responsabbli għad-danni minħabba dewmien fil-konsenja tal-prodotti. Jekk l-attriċi ma titħalliex tieħu dawn il-prodotti jiġri mhux biss li jkollha tagħmel tajjeb lil dawn it-terzi għad-danni iżda wkoll titlef kredibilità magħhom u l-possibilità li jqabbduha aktar xogħol.

5. Billi hija tal-fehma illi "l-merkanzija qiegħda tinżamm mis-soċjetà intimata inġustament u dan jikkostitwixxi mhux biss dannu a detriment

tas-soċjetà rikorrenti iżda wkoll arrikkiment inġust a spejjeż tagħha", l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-merkanzija maqbuda konsistenti f'erbgħin tunnellata *aluminium profiles*, *billets* u *scrap* hija proprjetà tas-soċjetà *C.E.B. Metals Limited*; u
>
> »2. tordna lis-soċjetà *Malta Industrial Parks Limited* tirrilaxxa immedjatament il-merkanzija a favur l-istess soċjetà *C.E.B. Metals Limited* fi żmien qasir u perentorju.«

6. Wieġbet biss *INDIS* li ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. preliminarjament, in-nullità tar-rikors ġuramentat in kwantu dirett kontra s-soċjetà esponenti stante li dan ma ġiex preċedut minn att ġudizzjarju skond il-provvedimenti tal-art. 460 tal-Kap. 12;
>
> »2. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-irritwalità tal-proċedura addottata mis-soċjetà attriċi stante li ħafna mill-mobbli mertu ta' din il-kawża huma maqbudin taħt l-awtorità ta' dina l-onorabbli qorti in virtù ta' mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1825/2007 fl-ismijiet *Malta Industrial Parks Limited v. Aluminium Extrusions Limited* u ma saret l-ebda talba għar-revoka tal-eżekuzzjoni ta' tali mandat;
>
> »3. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-mobbli mertu ta' dina l-kawża huma soġġetti għal privileġġ legali speċjali spettanti lis-soċjetà esponenti *ai termini* tal-art. 2009(*e*) tal-Kap. 16 … … …;
>
> »4. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi s-soċjetà attriċi trid tipprova t-titolu tagħha fuq l-oġġetti mertu ta' dina l-kawża.«

7. Bis-sentenza preliminari tat-12 ta' Ottubru 2009 l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' *INDIS* u bis-sentenza finali tat-30 ta' Jannar 2015 laqgħet it-tieni eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi. L-attriċi appellat mis-sentenz finali b'rikors tas-17 ta' Frar 2015 u *INDIS* wieġbet, b'appell inċidentali, fil-11 ta' Marzu 2015.

8. Billi l-appell inċidentali ta' *INDIS* mis-sentenza preliminari ġie ċedut, il-qorti sejra tgħaddi biex tqis l-appell tal-attriċi mis-sentenza finali.

9. Ir-raġunijiet li wasslu biex jiġu miċħuda t-talbiet tal-attriċi ġew imfissra hekk fis-sentenza finali:

»… … … kif jidher mill-atti s-soċjetà attriċi qed titlob ir-rilaxx ta' merkanzija li qed issostni li hija tagħha u li kienet f'immobbli okkupati mis-soċjetajiet *Alu-Finish* u *Aluminium Extrusions*, u li minnhom ġew żgumbrati mis-soċjetà *Malta Industrial Parks*.

»illi kienet biss is-soċjetà *Malta Industrial Parks* illi kkontestat il-kawża għaliex is-soċjetajiet l-oħra la ppreżentaw risposta u lanqas dehru għas-seduti.

»illi fil-fehma tal-qorti qabel xejn huwa importanti li tiġi trattata t-tieni eċċezzjoni minħabba li, jekk fondata, ma jkunx hemm lok ta' aktar deliberazzjoni. Din l-eċċezzjoni hija fis-sens li sabiex din il-kawża tirnexxi kellha ssir talba għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid numru 1825/2007 minħabba li l-oġġetti in kwistjoni ġew maqbuda permezz ta' dan il-mandat u allura huma taħt l-awtorità tal-Qorti. Saret il-prova fil-fatt ta' dan … bil-produzzjoni tad-Dokument ES1.

»illi l-ġurisprudenza tagħna tagħti raġun lill-eċċipjenti. Fil-kawża fl-ismijiet <u>*Alf. Mizzi and Sons Limited v.* Joseph Pace</u> deċiża minn din il-qorti fit-23 ta' Ġunju 2005, il-qorti qalet illi:

> »"Jekk kif qed jiġi allegat, ġew elevati oġġetti li ma jappartjenux lid-debitur, dan ma jwassalx għan-nullità jew għat-tħassir tal-mandat, iżda *se mai* għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandati in kwantu ġew elevati l-oġġetti in kwistjoni. L-interesss ġuridiku biex tiġi promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz allegat proprjetarju u mhux lid-debitur. Fil-fatt f'każ li jiġi allegat li oġġetti elevati mhumiex tad-debitur iżda ta' terzi, il-ġurisprudenza trid illi:
>
> »"1. il-kawża ssir mit-terz li qed jallega li l-oġġetti elevati huma tiegħu;
>
> »"2. il-kawża ssir kontra l-kreditur u d-debitur; u
>
> »"3. il-kawża ssir għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in kwantu ġew elevati l-oġġetti tat-terzi."

»illi din is-sentenza tagħmel referenza għal sentenzi oħra: **… … …**

»illi f'din il-kawża, filwaqt li l-ewwel żewġ rekwiżiti huma sodisfatti, ma ntalbitx ir-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat u għalhekk il-qorti ma tistax tipproċedi biex teżamina t-talbiet attriċi.«

10. Fl-ewwel żewġ aggravji s-soċjetà attriċi tgħid illi mhux il-ħwejjeġ kollha miżmuma minn *INDIS* huma milquta bil-mandat ta' qbid, u għalhekk mhux kollha nqabdu formalment taħt l-awtorità tal-qorti. F'dawn l-aggravji l-attriċi tippreċiża liema huma l-ħwejjeġ li ma nqbdux.

11. Huwa minnu illi, kif indikat tajjeb fir-rikors tal-appell, il-mandat ta' qbid ma kienx jolqot il-materjal kollu li nżamm minn *INDIS*, u għalhekk, għallinqas safejn tolqot il-materjal li ma nqabadx kif indikat fl-ewwel

aggravju, ir-raġuni mogħtija fis-sentenza appellata għaċ-ċaħda tat-talbiet tal-attriċi hija ħażina. F'dan is-sens għalhekk l-ewwel żewġ aggravji għandhom jintlaqgħu.

12. Fit-tielet aggravju mbagħad l-attriċi tattakka r-raġunament tal-ewwel qorti li ċaħdet it-talbiet tagħha għax ma ntalabx ukoll it-tħassir tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid. Fissret l-aggravju hekk:

> »… … … ma hemm xejn irritu jew null fit-talbiet imressqa mis-soċjetà attriċi appellanti, u l-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta waslet għad-deċiżjoni li ma tistax tipproċedi biex teżamina t-talbiet attriċi. Fl-ewwel lok, l-ewwel onorabbli qorti kien messha ddisponiet mill-ewwel talba tas-soċjetà attriċi appellanti irrispettivament mill-akkoljament *o meno* tat-tieni talba, u, fit-tieni lok, fir-rigwad tat-tieni talba, in-nuqqas ta' talba speċifika sabiex il-qorti tirrevoka l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid ma kien jippreżenta ebda impediment lill-qorti sabiex tordna lis-soċjetà konvenuta appellata tirrilaxxa immedjatament il-merkanzija a favur l-istess soċjetà attriċi appellanti.«

13. Din il-qorti taqbel mal-attriċi illi r-raġunament tal-ewwel qorti huwa formalistiku u riġidu wisq. Qabel xejn, biex tintalab dikjarazzjoni li ħwejjeġ maqbuda b'mandat huma proprjetà ta' terzi u mhux tad-debitur ma hijiex meħtieġa talba għat-tħassir tal-esekuzzjoni tal-mandat; *se mai* it-talba għal dikjarazzjoni ta' proprjetà tiġi loġikament qabel it-talba għat-tħassir tal-esekuzzjoni, u għalhekk ma tistax tgħid illi t-talba ma setgħetx issir għax qabilha ma saritx talba li suppost saret wara: ma tistax tgħidli li ma nistax nixtri biljett għax għadni ma bdejtx il-vjaġġ jekk biex nibda l-vjaġġ għandu jkolli l-biljett qabel!

14. Imbagħad, talba biex jinħelsu l-ħwejjeġ maqbuda hija loġikament ekwivalenti għal talba għat-tħassir tal-qbid tagħhom. Tassew li l-attriċi setgħet kienet formalment aktar preċiża fil-formulazzjoni tat-talbiet u mhux tistenna li t-talbiet jiftehmu b'implikazzjoni, iżda sakemm is-sens

huwa ċar u in-nuqqas ta' preċiżjoni ma joħloqx preġudizzju għall-parti l-oħra n-nuqqas ta' formuli ritwalistiċi ma għandux iwassal, għalhekk biss, għaċ-ċaħda tat-talba.

15. It-tielet aggravju wkoll għandu għalhekk jintlaqa'.

16. Dan iżda ma jwassalx bilfors biex jintlaqgħu t-talbiet tal-attriċi, għax hemm eċċezzjonijiet oħra li l-ewwel qorti ma qisithomx. Fost dawn hemm it-tielet eċċezzjoni, imsejsa fuq il-privileġġ *super invectis et illatis* mogħti lil sid il-kera fl-art. 2009(*e*) tal-Kodiċi Ċivili, u r-raba' eċċezzjoni dwar it-titolu tal-attriċi fuq il-ħwejjeġ miżmuma.

17. Meqjus illi din il-kawża issa ilha pendenti mill-2008, din il-qorti hija tal-fehma illi aktar ikun xieraq illi tiddisponi hi minn dawn l-eċċezzjonijiet flok tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti. Madankollu, billi l-partijiet ma ngħatawx l-okkażjoni li jittrattaw dwar dawn l-eċċezjonijiet quddiemha, il-qorti qiegħda tagħti lil *INDIS* żmien ta' għoxrin jum millum biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwarhom bil-miktub, b'kopja lill-attriċi li jkollha xahar biex twieġeb.

18. Il-qorti għalhekk f'dan l-istadju tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-ewwel żewġ aggravji u għalhekk tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-tieni eċċezjoni ta' *INDIS*.

19. Tiddifferixxi l-appell għal nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021 sabiex dakinhar tingħata s-sentenza fuq it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet ta' *INDIS* u t-talbiet tal-attriċi.

20. Dwar l-ispejjeż ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr